



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.1.2016
COM(2016) 40 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

dwar il-Progress fil-Bulgarija taħt il-Mekkaniżmu għall-Kooperazzjoni u l-Verifika

{SWD(2016) 15 final}

1. INTRODUZZJONI

Il-Mekkaniżmu għall-Kooperazzjoni u l-Verifika (MKV) ġie stabbilit meta l-Bulgarija nqasdet mal-Unjoni Ewropea fl-2007. Intlaħaq ftehim li kien meħtieġ iktar xogħol f'oqsma ewlenin biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fir-riforma ġudizzjarja, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u t-trattament tal-kriminalità organizzata. Minn dak iż-żmien 'l hawn, ir-rapporti tal-MKV irreġistraw il-progress li sar mill-Bulgarija u għenu biex l-isforzi tal-awtoritajiet Bulgari jiġu ffokati permezz ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi. Ir-rapporti tal-Kummissjoni,¹ u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Ministri,² immappjaw l-iżviluppi li saru fil-Bulgarija u għamlu rakkomandazzjonijiet għall-futur. Dan ir-rapport jiġbor fil-qosor il-passi meħuda matul is-sena li għaddiet u jipprovdi rakkomandazzjonijiet għall-passi li jmiss. Dan huwa r-risultat ta' proċess bir-reqqa ta' analiżi mill-Kummissjoni, ibbażat fuq kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet Bulgari, is-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati oħra. Il-Kummissjoni setgħet tuża wkoll l-appoġġ speċifiku ta' esperti mill-maġistratura fi Stati Membri oħra biex toffri l-fehma mill-perspettiva ta' ġurista.

Ir-rapport tal-MKV tal-2015 iddeskriva l-progress ta' matul is-sena preċedenti bħala bil-mod, u l-Kunsill fil-konklużjonijiet tiegħu jappella lill-Bulgarija biex "tikkonsolida r-rieda politika tagħha li tgħid riformi u li tagħmel progress tanġibbli"³. Iżda r-rapport indika wkoll għadd ta' oqsma fejn il-problemi ġew rikonoxxuti u fejn bdew jiġu identifikati soluzzjonijiet. Dan ir-risultat fit-tneċċija ta' żewġ strateġiji ta' riforma komprensivi, li jiffukaw fuq ir-riforma ġudizzjarja u fuq il-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Dawn iż-żewġ strateġiji pprovdew l-isfond għal ħafna mill-mumentu ewlenin tal-2015 u se jkomplu jibqgħu punti importanti ta' referenza għall-2016. It-testijiet ewlenin tal-progress se jkunu li l-impenji li jinsabu f'dawn l-istrateġiji jissarf u f'risultati konkreti. Il-ġestjoni tal-każijiet diffiċli u tal-ostakli fit-triq tar-riforma hija fattur determinanti sabiex tissaħħal il-fiduċja taċ-ċittadini Bulgari u tas-sħab tal-UE. Hija wkoll il-fattur ċentrali sabiex jiġi ddeterminat sa liema punt bdiet taqbad ir-riforma. Dan huwa meħtieġ sabiex tiġi stabbilita l-bidla sostenibbli li hija l-għan fundamentali tal-proċess.

Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa l-isforzi tal-Bulgarija sabiex tilħaq l-oġettivi tal-MKV. Il-Bulgarija diġà qed tingħata assistenza f'bosta oqsma taħt il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej.⁴ Barra minn hekk, il-Kummissjoni fl-2015 stabilixxiet strument ġdid fil-forma ta' Servizz ta' Sostenn għar-Riforma Strutturali (SRSS) iddedikat biex jipprovdi assistenza teknika għall-isforzi ta' riforma tal-Istati Membri tal-UE f'firxa wiesgħa ta' oqsma. Assistenza oħra qed tiġi pprovduta wkoll minn Stati Membri u minn organizzazzjonijiet internazzjonali, ħafna drabi fi sħubija mas-soċjetà ċivili Bulgara. Dan l-involvement huwa parti minn soċjetà miftuħa u demokratika, u jista' jkun is-sostenn prinċipali tal-isforz Bulgaru għal riforma. Il-Kummissjoni tilqa' l-fatt li l-Bulgarija uriet interess li tirċievi aktar assistenza teknika, kif iddikjarat mill-Prim Ministru Bulgaru,⁵ u thegħgeġ lill-Bulgarija biex tagħmel użu sħiħ mill-possibbiltajiet kollha disponibbli.

¹ Rapporti imgħoddija jinsabu fi http://ec.europa.eu/cvm/progress_reports_en.htm.

² L-aktar reċenti, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill adottati fis-17 ta' Marzu 2015.

³ 7281/15, p. 3. http://ec.europa.eu/cvm/key_documents_en.htm

⁴ Matul il-perjodu ta' programmar 2007-2013 ġew allokati EUR 51 miljun taħt il-Programm Operattiv għall-Kapaċità Amministrattiva għal sejħiet għal applikazzjonijiet mill-ġudikatura, li minnhom EUR 25 miljun biss ingħataw b'kuntratt, minħabba li ma ttiħdux mill-qrati u mill-uffiċċji ta' prosekuzzjoni. Fil-perjodu ta' programmar ġdid tal-2014-2020 iddaħħlet linja ta' prijorità għall-ġudikatura bl-allokazzjoni ta' EUR 30,1 miljun.

⁵ Dikjarazzjoni fil-marġni tal-Kunsill Ewropew tas-17 ta' Diċembru 2015.

2. IL-QAGĦDA TAL-PROĊESS TAR-RIFORMA FIL-BULGARIJA

2.1 Ir-riforma tal-ġudikatura

L-indipendenza, ir-responsabbiltà u l-integrità tal-ġudikatura

Ir-rapport tal-MKV tal-2015 diġà indika li l-istrateġija għar-riforma ġudizzjarja tipprovdi pjan ta' azzjoni komprensiv u ddettaljat għas-snin li ġejjin. Wara l-approvazzjoni tal-Assemblea Nazzjonali Bulgara f'Jannar 2015, il-gvern beda segwitu konkret f'għadd ta' oqsma taħt l-awtorità diretta tal-Ministeru tal-Ġustizzja. Madankollu, il-kwistjoni li waslet biex tiġi identifikata fid-dibattitu pubbliku tal-2015 bħala l-aktar test sinifikanti għall-istrateġija kienet ir-riforma tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura (KSM). Il-KSM huwa l-istituzzjoni ewlenija li tirregola l-ġudikatura Bulgara. Huwa għandu setgħat wesgħin fuq il-ħatra, l-evalwazzjoni, il-promozzjoni u l-proċeduri dixxiplinarji kontra l-imħallfin u l-prosekuturi, kif ukoll fil-ġestjoni tal-baġit tal-ġudikatura. Jaġixxi wkoll bħala l-vuċi tal-ġudikatura li tilħaq lis-soċjetà, u għaldaqstant għandu rwol ċentrali fil-formazzjoni tal-attitudni pubblika lejn il-ġudikatura kollha kemm hi. Il-fiduċja pubblika fil-ġudikatura għadha baxxa.⁶

Għaldaqstant, il-funzjonament tal-KSM huwa ta' importanza ewlenija. Kwistjoni partikolari inerenti fl-istruttura attwali hija li d-deċijonijiet dwar kwistjonijiet dixxiplinarji jew ta' persunal għall-imħallfin u prosekuturi jittieħdu fi struttura waħda. Filwaqt li ma jeżistix mudell wiehded awtorevoli dwar kif għandha tkun l-istruttura tal-kunsilli ġudizzjarji, issa huwa ċar li kemm l-imħallfin kif ukoll il-prosekuturi ma jarawhiex xierqa li dawn id-deċiżjonijiet qed jittieħdu minn gruppi mħalltin ta' imħallfin u prosekuturi tal-KSM. Fil-kuntest Bulgaru, b'għadd kbir ta' persuni maħturin fuq livell politiku fil-KSM, il-mudell ta' bħalissa jqajjem tħassib partikolari dwar l-indipendenza tal-ġudikatura u l-possibiltà li ssir pressjoni fuq l-imħallfin. Dan kien l-isfond għall-proposta fl-istrateġija ta' riforma sabiex jiġu stabbiliti żewġ kulleġġi separati fil-KSM ħalli jitrattaw il-kwistjonijiet dwar il-persunal fiż-żewġ ferġat tal-maġistratura.

Wara dibattitu estensiv, ġie konkluż fir-rebbiegħa li xi wħud mill-bidliet proposti kienu jeħtieġu emendi fil-Konstituzzjoni. Dawn l-emendi ġew adottati mill-Assemblea Nazzjonali f'Diċembru 2015. Filwaqt li dawn l-emendi inkludew xi bidliet sinifikanti fit-test propost oriġinarjament mill-gvern,⁷ l-adozzjoni tagħhom xorta tirrappreżenta pass importanti għar-riforma tal-KSM. Minbarra l-ħolqien ta' żewġ kmamar għat-teħid tad-deċiżjonijiet fi ħdan il-KSM, se jissaħħu s-setgħat tal-ispettorat ġudizzjarju (IKSM) biex jinwestiga l-kunflitti ta' interess u l-arrikkiment illeċitu fost il-maġistrati⁸. Il-pass li jmiss jkun li tiġi implimentata r-riforma permezz ta' emendi leġislattivi fl-Att dwar is-Sistemi Ġudizzjarji. Fir-rebbiegħa tal-

⁶ Il-fiduċja pubblika baxxa fil-ġudikatura hija kkonfermata fi sħarriġiet tal-opinjoni pubblika u servejs. Il-biċċa l-kbira tal-Bulgari (96 % fl-2014) iqisu li n-nuqqasijiet fil-ġudikatura jikkostitwixxu problema serja (Ewrobarometru Flash 406, Jannar 2015, p. 9); Ara wkoll l-*Indiċi tal-Istat tad-Dritt għall-2015 (Rule of Law Index 2015)* tal-World Justice Project (p. 70): http://worldjusticeproject.org/sites/default/files/roli_2015_0.pdf u r-Rapport dwar il-Kompetittività Globali (*Global Competitiveness Report*) tal-Forum Ekonomiku Dinji, p. 124-125 <http://www.weforum.org/reports/global-competitiveness-report-2015-2016>.

⁷ Ir-riallokazzjoni tal-aħħar minuta ta' membru fil-kwota tan-nominati parlamentari mill-kamra tal-prosekuzzjoni għall-kamra ġudizzjarja wasslet għar-riżenja tal-Ministru tal-Ġustizzja kif ukoll protesti mill-assoċjazzjoni professjonali ewlenija tal-imħallfin. Dan ġie meqjus li saħħaħ l-influwenza politika fil-kamra tal-imħallfin tal-KSM, filwaqt li fl-istess ħin naqqas ir-responsabbiltà tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku.

⁸ Barra minn hekk, ir-reqwiżit għal votazzjoni sigrieta dwar kwistjonijiet tal-persunal fil-KSM intemm, u r-regola tal-maġġoranza ta' żewġ terzi ddaħħlet biex jiġu eletti l-membri tal-kwota parlamentari.

2015 ġie ppreparat u ppreżentat pakkett leġiżlattiv għall-konsultazzjoni pubblika mill-gvern, iżda kien għadu qed jistenna r-riżultat tad-dibattitu dwar il-Kostituzzjoni⁹.

Rapporti preċedenti tal-KSM indikaw tħassib persistenti dwar l-abbiltà tal-KSM li jwettaq ir-rwol tiegħu ta' gwardjan tal-indipendenza u tal-integrità tal-ġudikatura. Il-kontroversji jdurru ma' kwistjonijiet bħal nuqqas ta' trasparenza fil-proċeduri għall-ħatriet ġudizzjarji, prattiki inkonsistenti fi proċedimenti dixxiplinari, u nuqqas ta' segwitu meta jkun hemm tħassib ta' manipulazzjoni potenzjali fl-allokazzjoni każwali ta' każijiet fil-qrati. Ma' dawn żdiedet il-kontroversja dwar l-influwenza politika fil-KSM. Fl-2015 l-istampa dwar dawn il-kwistjonijiet kienet imħallta. Fil-bidu tas-sena, il-KSM ħatar president ġdid tal-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni. Il-president il-ġdid kien lest li jikkellem favur ir-riforma, u jidher li huwa rrispettat fil-ġudikatura¹⁰. Fir-rebbiegħa nħatar ukoll manġment ġdid għall-Qorti tal-Belt ta' Sofija, wara li t-tmexxija preċedenti kellha tirriżenja minħabba l-iskandli marbutin mal-qorti.¹¹ Madankollu, deċiżjonijiet oħra tal-KSM dwar ħatriet baqgħu jqajmu tħassib dwar nuqqas ta' trasparenza u l-possibiltà ta' influwenza indebita. Il-kariga ta' President tal-Qorti tal-Appell ta' Sofija issa ilha battala għal kważi sentejn: għalkemm imħallef li kellu l-appoġġ espliċitu tal-imħallfin tal-qorti applika għall-kariga, ma ntlaħqitx il-maġġoranza meħtieġa fil-KSM.¹² Ma jeżistux kriterji ċari għall-valutazzjoni tal-ħatriet, u dan jiftaħ il-bibien għal dubji dwar l-oġġettività tal-proċeduri tal-ħatriet.

Allegazzjonijiet serji ta' korruzzjoni u ta' eżerċitar ta' influwenza fil-ġudikatura ġew segwiti biss wara li kien hemm pressjoni interna u eserna, bl-awtoritajiet li ma kinux f'qagħda, jew li ma ridux jibdew investigazzjonijiet proattivi. L-irregolaritajiet skoperti fil-Qorti tal-Belt ta' Sofija lejn l-aħħar tal-2014 ġew enfasizzati fl-aħħar rapport tal-MKV, fejn ġie nnutat li l-ewwel reazzjoni tal-KSM uriet li dawn kienu prijorità baxxa għall-Kunsill.¹³ Il-KSM kien nieda proċess sabiex itejjeb l-applikazzjoni tal-allokazzjoni każwali tal-każijiet fil-qrati Bulgari, bit-twaqqif ta' sistema tal-IT ċentralizzata ġdida f'Ottubru tal-2015 għall-ġudikatura kollha, li għandu jgħin sabiex tiġi indirizzata l-kwisjoni rikorrenti li tqajmet f'rapporti preċedenti tal-MKV. Madankollu, il-KSM żamm pass lura milli jirreaġixxi għall-allegazzjonijiet serji ta' aġir ħażin minn imħallfin ewlenin fil-Qorti tal-Belt ta' Sofija¹⁴. Ittieħdet azzjoni dixxiplinarja ħafna aktar wara, wara li bosta każijiet kellhom jitmexxew 'il quddiem mill-Ministru tal-Ġustizzja.¹⁵

Fil-ħarifa tal-2015, il-midja rrapportat dwar allegata taħdita rrekordjata bejn tnejn minn fost il-persuni prinċipali involuti fl-irregolaritajiet skoperti fil-Qorti tal-Belt ta' Sofija,¹⁶ li kompliet iżżid aktar elementi mal-kontroversja eżistenti. Wara diversi appelli għal

⁹ Bħala konsegwenza, bidliet oħra importanti ġew miżmuma wkoll (ara hawn taħt).

¹⁰ Meta l-Kumitat tal-Etika tal-KSM kien qed jikkunsidra proċeduri dixxiplinari kontra l-President Panov wara diskors li kien jikkritika n-nuqqas ta' appoġġ għar-riforma ġudizzjarja, ferm aktar minn 200 imħallef iffiraw ittra biex jappoġġjawh.

¹¹ L-involvement tal-President il-ġdid tal-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni ffaċilita dan il-proċess.

¹² Il-proċedura l-aktar reċenti, f'Diċembru 2015, kienet ikkaratterizzata b'intervent mill-Unjoni tal-Imħallfin tal-Bulgarija li kkritikat dikjarazzjonijiet pubbliċi fuq il-kandidat f'livell politiku. Din tefgħet ukoll l-attenzjonijiet fuq diversi deċiżjonijiet oħra reċenti tal-KSM, li kkunsidrat li kienu problematiċi.

¹³ COM (2015) 36 final, p.4-5.

¹⁴ Iż-żewġ persuni prinċipali ma għadhomx iservu bħala mħallfin fil-Qorti.

¹⁵ Dawn is-sitwazzjonijiet għal darb'oħra qajmu tħassib rigward in-nuqqas ta' standards ċari fid-deċiżjonijiet dixxiplinarji tal-KSM.

¹⁶ Kemm il-president ta' qabel tal-Qorti tal-Belt ta' Sofija kif ukoll imħallef ieħor bħalissa għaddejjin minn investigazzjoni kriminali.

investigazzjoni indipendenti¹⁷, il-KSM kif ukoll il-prosekuzzjoni ħabbru investigazzjonijiet marbutin mal-kontenut tat-tejps.¹⁸ Għall-kredibilità tal-proċess ikun importanti li jittieħdu l-passi kollha sabiex jiġi żgurat li l-investigazzjoni ssir b'mod trasparenti u imparzjali.¹⁹

Wara nuqqas ta' diversi snin, l-Assemblea Nazzjonali tellgħet Kap Spettur fir-rebbiegħa tal-2015. Il-passi differenti tal-proċedura ġew stabbiliti b'mod aktar trasparenti u s-soċjetà ċivili għet mistiedna biex tissuġġerixxi kandidati. Dan l-approċċ ittiegħed ukoll fil-proċedura sussegwenti sabiex jiġi elett il-kulleġġ il-ġdid tal-ispetturi, inniedi fil-ħarifa u li għadu għaddej bħalissa.²⁰ Din il-proċedura se tkun ta' importanza partikolari għal darbha tagħti lill-ispettorat rwol futur ġdid aktar b'saħħtu sabiex jindirizza kwistjonijiet marbutin mal-integrità u ma' sinjali ta' korruzzjoni fil-ġudikatura. Huwa importanti li jiġi żgurat li l-ispettorat ikun ekwipaġġat bir-riżorsi li għandu bżonn sabiex iwettaq dan ir-rwol b'mod effettiv.

Ir-riforma tal-qafas legali

Ir-riforma li għadha għaddejja tal-KSM hija biss element wieħed, iżda wieħed importanti, fl-istrateġija l-ġdida għar-riforma ġudizzjarja tal-Bulgarija. L-istrateġija hija dokument komprensiv li fih firxa wiesgħa ta' objettivi, li bosta minnhom jeħtieġu emendi legali. Kif indikat hawn fuq, ġie ppreparat pakkett ta' emendi għall-Att dwar is-Sistema Ġudizzjarja u li issa għandu jimxi 'l quddiem mal-jur Assembly Nazzjonali. Fih emendi f'diversi oqsma sabiex itejjeb aspetti differenti fl-immaniġġjar tas-sistema ġudizzjarja. Bosta mill-proposti jaqdbu r-rotta tal-ġdida tas-setgħa lill-maġistrati fit-totalità tagħhom, bl-għan li jitjiebu t-trasparenza u l-indipendenza. Emendi oħrajn għandhom l-għan li jimplimentaw it-titjib identifikat fir-regolament dwar il-karrieri jew fir-regoli dwar it-taħriġ professjonali għall-maġistrati. Oħrajn jipprovdu l-emendi meħtieġa għall-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda sabiex jitjiebu t-trasparenza, il-kwalità u l-effiċjenza (il-ġustizzja elettronika). Matul is-sena, dawn il-proposti diġà kienu s-suġġett ta' dibattitu mifrux fil-ġudikatura. It-test ewlieni tal-2016 se jkun kemm il-Bulgarija se tkun kapaċi timxi 'l quddiem bl-adozzjoni ta' dawn il-bidliet²¹.

Qasam ieħor fejn qed jitħejjew emendi leġiżlattivi għandu x'jaqsam mal-kodiċi kriminali u l-kodiċi ta' proċedura kriminali. Rapporti mgħoddija tal-MKV indikaw ir-riskju li d-dibattitu fundamentali dwar ir-riforma tal-kodiċi fuq terminu twil seta' ssogra li jżomm lura bidliet aktar immirati u urġenti.²² Il-kodiċi kriminali kien is-suġġett tat-tentattivi rikorrenti għal riforma minn gvern wara l-ieħor tul dawn l-aħħar ħames snin, objettiv li sa issa kien elużiv.²³

¹⁷ L-Unjoni tal-Imħallfin, il-Ministru tal-Ġustizzja, u l-President tal-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni, fost l-oħrajn, se jhu biex titnieda investigazzjoni indipendenti.

¹⁸ FL-14 ta' Jannar il-KSM għalaq l-inkjesta tiegħu, madankollu, taħt ċirkustanzi kontroversjali. Il-proċess ġie kkritikat f'ittra miftuħa tal-assoċjazzjoni tal-imħallfin minħabba n-nuqqas ta' trasparenza.

¹⁹ Kwistjoni partikolari f'dan il-kuntest tirrigwarda l-kampanji minn xi mezzi tal-informazzjoni li huma aggressivi u jippolarizzaw, li bosta drabi jkollhom fil-mira persunaġġi individwali fil-maġistratura. Rappurtaġġ mill-midja żbilanċjat waqt investigazzjonijiet dixxiplinarji jew kriminali jippreżenta sfidi addizzjonali għall-awtoritajiet ġudizzjarji.

²⁰ Ġew nominati 20 kandidat għal għaxar karigi, li bosta minnhom tressqu minn hawn il-ġudikatura jew minn hawn assoċjazzjonijiet professjonali. L-elezzjoni tal-aħħar fl-Assemblea Nazzjonali għad trid issir.

²¹ Il-Kunsill li għadu kif inħoloq ġdid għall-implimentazzjoni tal-istrateġija għal riforma ġudizzjarja għandu jipprovdi forum utli sabiex din u inizjattivi oħra jitwasslu, kif ukoll għall-monitoraġġ tal-progress li sar f'ħafna aspetti differenti tal-istrateġija għal riforma ġudizzjarja.

²² COM (2015) 36, p. 10.

²³ L-abbozz tar-riforma tal-kodiċi kriminali ppreparat mill-gvern preċedenti fl-2014 ma rnexxiex peress li ma laħaqx l-aspettattivi, u l-Assemblea Nazzjonali għet xolta f'it wara l-preżentazzjoni tagħha.

Fl-2015 il-gvern nieda proċess ġdid ta' riflessjoni dwar riforma usa' fil-politika kriminali.²⁴ Dawn ir-riflessjonijiet għandhom l-għan ta' riforma komprensiva, li se tkun teħtieġ analiżi bir-reqqa u tħejjija li tinvolvi konsultazzjoni wiesgħa fi ħdan il-ġudikatura u l-professjonijiet legali. Sadanittant, madankollu, l-awtoritajiet Bulgari rrikonoxxew il-ħtieġa li jimxu 'l quddiem aktar malajr b'għadd limitat ta' emendi fil-mira, b'mod partikolari sabiex jiġu indirizzati l-problemi li qed jikkawżaw dewmien fil-proċedimenti kriminali u sabiex tiġi ffaċilitata l-prosekuzzjoni tar-reati ta' korruzzjoni. Xi emendi diġà ġew adottati sabiex jiġu indirizzati nuqqasijiet ewlenin, iżda fil-prattika għad iridu juru l-effetti tagħhom²⁵.

Il-kwalità u l-effiċjenza tal-ġudikatura

Il-fattur determinanti ewleni sabiex il-ġudikatura tkun ta' kwalità u effiċjenti jrid ikun, sa fejn hu possibbli, li s-sistema kollha tkun ta' sostenn għall-ġustizzja – jekk iċ-ċittadini jistgħux joqogħdu fuq is-sistema ġudizzjarja sabiex din tirrimedja b'mod ġust, jekk l-awturi tar-reati qed jiġux effettivament mtella' l-qorti u jekk hix qed issir ġustizzja u jidher li qed issir skont il-liġi.²⁶ Dan it-tħassib kien enfasizzat din is-sena meta l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem osservat li "diġà f'aktar minn 45 sentenza kontra l-Bulgarija, sabet li l-awtoritajiet naqsu milli jirrispettaw l-obbligu tagħhom li jwettqu investigazzjoni effettiva u qieset li dawn in-nuqqasijiet rikorrenti kixfu l-eżistenza ta' problema sistemika".²⁷ Filwaqt li din hija kwistjoni ta' eżekuzzjoni globali tal-liġi, huwa ċar li għad hemm problemi marbutin mal-prosekuzzjoni u mal-ġudikatura.

Il-ġestjoni ta' kuljum tal-ġudikatura taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura (KSM), inklużi l-kwisjonijiet dwar il-ħatriet, l-evalwazzjonijiet, it-taħriġ u l-azzjoni dixxiplinarja, kif ukoll il-ġestjoni tal-ammont relattiv ta' xogħol bejn il-maġistrati u l-awtoritajiet ġudizzjarji. Rapporti mgħoddija tal-MKV enfasizzaw l-ammont mhux ibbilanċjat ta' xogħol ta' bejn il-qrati, li huwa problema f'termini ta' kwalità u effiċjenza fil-proċess ġudizzjarju, kif ukoll possibbilment għall-indipendenza tal-imħallfin.²⁸ Ammont kbir ta' xogħol jaffettwa b'mod partikolari qrati akbar, speċjalment dawk f'Sofija, filwaqt li l-ammont ta' xogħol fi qrati oħra huwa baxx. Fl-2015, bħal fis-snin ta' qabel, il-KSM ipprova jindirizza l-iżbilanċi fl-ammont ta' xogħol ta' bejn il-qrati billi jiftaħ pożizzjonijiet ġodda fi qrati li għandhom wisq xogħol filwaqt li jagħlaq pożizzjonijiet f'oħrajn li għandhom anqas ammont ta' xogħol. Madankollu, dan l-approċċ sa issa kellu biss impatt marġinali. Bħala soluzzjoni aktar komprensiva huwa mistenni l-iżvilupp ta' standards armonizzati dwar l-ammont ta' xogħol kif ukoll analiżi soċjoekonomika usa' tal-qrati reġjonali, it-tnejn li huma mwettqa minn sottokomitat tal-KSM. Din il-ħidma analitika ġiet konkluża fl-2015 u r-riżultati issa jistgħu jipprovdu l-bażi għal ġestjoni aktar sistematika tar-riżorsi umani, u forsi għat-tfassil mill-ġdid tal-organizzazzjoni tal-qrati. L-intenzjoni tal-KSM hija, bħala l-ewwel pass, li jiġu ppreżentati proposti dwar l-istruttura tal-qrati reġjonali għall-konsultazzjonijiet pubbliċi fl-2016. L-istandards armonizzati l-ġodda dwar l-ammont ta' xogħol għandhom jagħtu wkoll lill-KSM id-dejta sabiex partijiet oħra tas-sistema jiġu ssimplifikati, inklużi l-qrati distrettwali jew tal-

²⁴ L-istrateġija tal-gvern għal riforma ġudizzjarja tipprevedi riforma usa' tal-politika kriminali, u dwar dan għaddejjja ħidma fil-Ministeru tal-Ġustizzja.

²⁵ Ara hawn taħt il-paġna 9 dwar il-ħrib mill-ġustizzja, u r-Rapport Tekniku, it-Taqsimiet 3.2 u 6.2.

²⁶ Huwa pereżempju sinifikanti li f'xi każijiet kriminali transfruntieri, il-progress fil-Bulgarija jidher li huwa ħafna aktar kajman milli fi Stati Membri oħra.

²⁷ *Il-problema sistemika tal-ineffettività tal-investigazzjonijiet fil-Bulgarija* [ECHR 070 \(2015\)](#)

²⁸ L-ammont kbir ta' xogħol jesponi lill-imħallfin għal azzjoni dixxiplinarja jekk ibatu sabiex jilhqqu l-iskadenzi miftiehma. Dan iqajjem tħassib dwar l-indipendenza f'ambjent fejn l-istandards għall-azzjonijiet dixxiplinarji xi drabi jinftiehem bħala mhux ċari.

appell u l-qrati amministrattivi. Anke mingħajr dawn ir-riformi, l-istandards għandhom diġà jipprovdu punt ta' tluq aħjar sabiex jiġi ġestit it-tqassim tar-riżorsi umani fost partijiet differenti tas-sistema. Deċiżjonijiet bħal dawn, filwaqt li ħafna drabi jkunu ta' natura sensittiva, għandhom jgħinu sabiex jitjiebu l-kwalità u l-effiċjenza ġenerali f'ambjent b'riżorsi skarsi.²⁹

B'mod aktar ġenerali, se jkun meħtieġ segwitu fuq l-istrateġija għal riforma ġudizzjarja permezz ta' deċiżjonijiet maniġerjali f'għadd ta' oqsma. Eżempju partikolarment importanti, fejn id-deċiżjonijiet leġislattivi u maniġerjali jridu jimxu id f'id, jirrigwarda l-introduzzjoni tal-ġustizzja elettronika. Se jkun kruċjali l-iżvilupp ta' kapaċità li tiġġestixxi l-proċessi kumplessi maniġerjali u tekniċi meħtieġa sabiex tiġi implimentata sew il-ġustizzja elettronika, anke f'oqsma bħal tal-protezzjoni tad-dejta u tas-sigurtà.

Il-proċeduri dixxiplinarji jikkostitwixxu qasam ieħor fejn l-istandards dwar l-ammont ta' xogħol jistgħu jkunu utli, b'mod partikolari bħala mezz li jistabbilixxi bażi aktar objettiva għal penali f'każijiet li jirrigwardaw in-nuqqas ta' żamma tal-iskadenzi proċedurali.³⁰ Madankollu, il-problemi f'dan il-qasam għandhom aktar għeruw fil-fond, bil-perċezzjoni ġenerali fost il-maġistrati li d-deċiżjonijiet tal-KSM la huma trasparenti u lanqas objettivi. Dan jista' jiġi indirizzat billi jiġu stabbiliti standards ċari għall-proċeduri dixxiplinarji u penalitajiet b'kominikazzjoni aktar sistematika, billi jiġi spjegat kif deċiżjonijiet individwali huma marbutin mal-istandards ġenerali. In-nuqqas ta' standards ċari ta' dixxiplina huwa partikolarment problematiku meta proċeduri jirreferu għal ksur fil-kodiċi jew fl-atti ta' etika li jimmina l-prestiġju tal-ġudikatura,³¹ fejn l-ambitu eżatt tar-responsabbiltà dixxiplinarja mhux ċar. F'każijiet bħal dawn hemm ir-riskju ta' deċiżjonijiet arbitrarji li jwasslu għal effett dissuważiv, li jżomm lill-maġistrati lura milli jitkellmu fil-pubbliku dwar suġġetti leġittimi.

L-uffiċċju tal-prosekuzzjoni għandu rwol kruċjali fis-sistema ġudizzjarja ġenerali. L-istrateġija tal-gvern għal riforma ġudizzjarja għandha fil-mira riforma usa' fl-uffiċċju tal-prosekuzzjoni, fuq il-bażi ta' analiżi indipendenti. L-oġġettivi ewlenin għandhom jinkludu t-trawwim ta' sens aktar b'saħħtu ta' inizjattiva u ta' responsabbiltà permezz ta' kultura anqas ġerarkika, u t-tisħiħ tar-responsabbiltà u tal-fiduċja tal-pubbliku fil-prosekuzzjoni kollha kemm hi. Riforma bħal din tibni fuq passi li f'dawn l-aħħar snin diġà ttieħdu u fuq ir-riforma ppjanata tal-politika kriminali Bulgara. Il-bżonn ta' riforma aktar fil-fond tal-prosekuzzjoni jinbet min-nuqqas ta' rekord sod f'każijiet ta' korruzzjoni tal-ogħla livell u fil-kriminalità organizzata,³² u jibqa' tema rikorrenti dibattuta fost l-osservaturi indipendenti fil-Bulgarija. Ir-rapporti tal-MKV irrakkomandaw għal kemm-il darba li analiżi oġġettiva ta' każijiet konkreti tal-ogħla livell li ma ġewx konklużi b'suċċess għandha tkun l-aħjar mod sabiex jiġu identifikati passi ċari għall-futur.

2.2 Il-korruzzjoni

²⁹ Tensjonijiet reċenti dwar il-kobor tal-baġit għall-ġudikatura tefgħu din il-kwistjoni fuq quddiem, bil-Ministeru tal-Finanzi jaċċetta biss żieda fil-baġit għall-2016 fuq il-wegħda li se jittieħdu miżuri sabiex titjeb il-prestazzjoni baġitarja fil-futur.

³⁰ Ħafna proċeduri jirrigwardaw id-dewmien fit-twettiq tal-passi proċedurali obbligatorji. Kontraargument li jitqajjem ta' spiss f'dawn il-każijiet isemmi l-ammont ta' xogħol enormi.

³¹ Dawn huma ksur dixxiplinarju skont l-Artikolu 307 tal-Att dwar is-Sistemi Ġudizzjarji.

³² F'xi każijiet jidher li kien hemm nuqqas ta' rieda min-naħa tal-prosekuzzjoni biex tmexxi l-investigazzjonijiet 'il quddiem, inkluż f'każijiet marbutin mal-fondi tal-UE. (Rapport tekniku p. 24-25.)

Ir-raba' u l-ħames punti ta' riferiment għall-Bulgarija fil-MKV jirrigwardaw il-ħtieġa għal miżuri effettivi kontra l-korruzzjoni, inkluża l-korruzzjoni ta' livell għoli kif ukoll il-korruzzjoni li ġeneralment tkun fl-istituzzjonijiet pubbliċi. Il-Bulgarija b'mod konsistenti tikklassifika ruħha fost l-Istati Membri tal-UE bl-ogħla livell perċepit ta' korruzzjoni, u l-korruzzjoni hija meqjusa bħala wieħed mill-aktar ostakli kruċjali sabiex isir il-kummerċ fil-Bulgarija.³³ Rapporti tal-MKV preċedenti indikaw nuqqasijiet fl-isforzi mgħoddija f'dan il-qasam.³⁴ L-istituzzjonijiet li twaqqfu sabiex jiġġieldu l-korruzzjoni ġew ikkaratterizzati minn frammentazzjoni, min-nuqqas ta' koordinazzjoni u li ma jlaħħqux mal-isfida.

Fl-2015 dawn il-problemi ġew finalment rikonoxxuti mill-awtoritajiet Bulgari, peress li l-gvern adotta strateġija nazzjonali komprensiva ġdida sabiex jiġġieled il-korruzzjoni. L-istrateġija tikkostitwixxi pass importanti 'l quddiem peress li tħaddan analiżi ċara tal-isfidi, u tipproponi għadd ta' miżuri konkreti sabiex tindirizza l-problemi identifikati. L-isfida issa se tkun biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tagħha.³⁵ Il-kunsill tal-koordinazzjoni nazzjonali li twaqqaf huwa mfassal sabiex jikkoordina l-isforzi u jsegwi l-progress. Madankollu, jibqa' istituzzjoni fuq livell ta' politika, u se jkollu bżonn l-appoġġ politiku fl-ogħla livell kif ukoll is-sostenn ta' strutturi operazzjonali effiċjenti sabiex ikun suċċess. Il-livell ta' appoġġ politiku għal approċċ ġdid ġie ddubitat minħabba li l-gvern naqas milli jipproponi liġi ġida kontra l-korruzzjoni sabiex tgħaddi mill-ewwel qari fl-Assemblea Nazzjonali f'Settembru 2015. L-abbozz tal-liġi kien imfassal sabiex jappoġġja l-approċċ b'bażi istituzzjonali soda: jipprevedi t-twaqqif ta' awtorità magħquda ta' kontra l-korruzzjoni, imqabbda biex tikkontrolla l-kunflitti ta' interess u d-dikjarazzjonijiet marbutin mal-propjetà ta' uffiċjali għolja, u tinvestiga l-possibilità ta' korruzzjoni u ta' arrikkiment illeċitu.³⁶ Barra minn hekk, l-abbozz ta' liġi inkluda riforma fis-sistema għall-kontroll tal-kunflitti ta' interess u tal-proprietà privata tal-uffiċjali pubbliċi.

Iċ-ċaħda ta' dan l-abbozz ta' liġi f'Settembru kienet sorpriża għall-gvern, u wasslet biex l-inizjattiva prinċipali tiegħu li għandha fil-mira l-korruzzjoni fost l-uffiċjali pubbliċi ta' livell għoli terġa' tiġi posposta. Ħafna mid-dibattitu kien jirrigwarda l-kwistjoni dwar l-użu tas-sinjali anonimi, u nħolqot konfużjoni dwar il-kapaċità li jintlaqgħu sinjali anonimi, u l-ħtieġa li l-evidenza użata fil-qorti tiġi identifikata b'mod ċar. Filwaqt li l-gvern wiegħed li jibqa' miexi 'l quddiem bil-liġi fl-2016, il-falliment tal-bidu qajjem tħassib dwar il-grad ta' kunsens li hemm bżonn sabiex tiġi indirizzata l-korruzzjoni fl-ogħla livell, u sabiex titwettaq l-istrateġija l-ġdida ta' kontra l-korruzzjoni. Is-sottomissjoni mill-ġdid u l-adozzjoni ta' din il-liġi, kif ukoll l-istabbiliment sussegwenti tal-istituzzjoni l-ġdida se jkun t-test ewlieni fuq ir-rieda tal-Bulgarija fl-2016.

³³ Rapport tekniku, p.18.

³⁴ Nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tal-istrateġija preċedenti Bulgara ta' kontra l-korruzzjoni ġew enfasizzati f'evalwazzjoni li twettqet mill-awtoritajiet Bulgari, u li ġiet finalizzata fil-bidu tal-2015. Ara COM (2015) 36, p. 7.

³⁵ In-nuqqas ta' segwitu politiku u ta' monitoraġġ fuq l-implimentazzjoni ġew identifikati bħala waħda mill-problemi li kienet qed taffettwa l-politika ta' kontra l-korruzzjoni fl-imgħoddi.

³⁶ L-istituzzjoni l-ġdida se tkun qed taħdem mill-qrib mal-kummissjoni għall-konfiska tal-assi u mal-uffiċċju tal-prosekuzzjoni, iżda se jkollha wkoll setgħat amministrattivi ta' investigazzjoni indipendenti. Barra minn hekk, tkun kapaċi tiżgura rispons aktar sistematiku għall-allegazzjonijiet ta' korruzzjoni għax f'istituzzjoni waħda tinkorpora l-funzjonijiet ta' tliet istituzzjonijiet eżistenti, il-kummissjoni għall-kunflitti ta' interess, iċ-ċentru ta' kontra l-korruzzjoni (BORKOR) u partijiet mill-uffiċċju tal-awditjar nazzjonali inkarigat li jivverifika d-dikjarazzjonijiet tal-proprietà privata.

Bħala parti mill-istrateġija ta' kontra l-korruzzjoni tiegħu, il-gvern Bulgaru nieda għadd ta' inizjattivi oħra li għandhom fil-mira l-korruzzjoni fl-amministrazzjoni pubblika b'mod aktar ġenerali. Dawn jinkludu r-riforma tal-ispettorati amministrattivi, miżuri li jtejbu s-sistema ta' akkwist pubbliku, u l-preparazzjoni ta' pjanijiet settorjali kontra l-korruzzjoni li għandhom miżuri preventivi f'għadd ta' setturi speċifiċi li huma meqjusin ta' riskju għoli għall-korruzzjoni ta' "livell baxx".³⁷ Dawn il-miżuri jeħtieġu segwitu kontinwu, fl-ewwel istanza, fejn huwa meħtieġ tibdil fil-leġislazzjoni.³⁸

Fl-aħħar nett, il-Bulgarija għandha bżonn tistabbilixxi rekord ta' investigazzjonijiet u ta' prosekuzzjonijiet ta' suċċess f'każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli, li jwasslu għal kundanni finali fil-qorti. L-uffiċċju tal-prosekutur qed jeżerċita approċċ pragmatiku sabiex isahħa il-kapaċità permezz ta' bidliet fl-organizzazzjoni u kooperazzjoni mill-qrib ma' servizzi rilevanti oħra. L-aħħar pass f'din l-istrateġija kien it-twaqqif f'April ta' unità msaħħa tal-interaġenziji, marbuta mal-Uffiċċju tal-Prosekutur tal-Belt ta' Sofija, iffukata fuq l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' korruzzjoni ta' livell għoli.³⁹ Hemm indikazzjonijiet li din il-kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn is-servizzi fi struttura speċjalizzata bdiet tikkontribwixxi pożittivament. Għadd ta' każijiet tressqu quddiem il-qorti.⁴⁰ Aktar każijiet qed jiġu investigati. Madankollu, il-valutazzjoni dwar l-isforzi tal-Bulgarija fit-trattament tal-każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli se tiddependi fuq id-deċiżjonijiet finali tal-qorti li jiġu konklużi u infurzati. Sa issa r-riżultati għandhom limitati f'termini ta' kundanni finali f'każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli.⁴¹

2.3 Il-kriminalità organizzata

Is-sitt punt ta' riferiment tal-MKV jirrigwarda l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. Fl-2012 il-Bulgarija waqqfet qorti speċjalizzata u uffiċċju tal-prosekutur għall-kriminalità organizzata, li issa beda jagħti xi riżultati f'termini ta' każijiet miġjuba quddiem il-qorti kif ukoll ta' għadd ta' kundanni. Madankollu, każijiet li jinvolvu kriminalità organizzata serja għandhom qed jiġu mxejjla minn dispożizzjonijiet kumplessi u minn proċeduri kriminali formalistiċi.⁴² Għad hemm indikazzjonijiet ta' intimidazzjoni serja tax-xhieda, li timmina l-każijiet. Il-Bulgarija għad trid tistabbilixxi rekord sod li juri li d-deċiżjonijiet finali tal-Qorti ġew konklużi u infurzati f'każijiet li jinvolvu kriminalità organizzata serja. Reċentement, il-gravità tal-isfida reġgħet ġiet enfasizzata għal darb'oħra minn diversi omiċidji b'rabtiet ovvj mal-kriminalità organizzata. Għadd kbir ta' omiċidji b'kuntratt matul dawn l-aħħar snin għandhom mhux solvuti.⁴³

³⁷ Dawn l-isforzi qed jitmexxew 'il quddiem fil-Ministeru tal-Intern, fejn qed jiġu implimentati fil-kuntest ta' riforma aktar globali ta' dan il-ministeru.

³⁸ L-abbozz ta' emendi fil-liġi dwar l-amministrazzjoni pubblika ġie rrapportat li ġie ppreparat għall-ispettorati, iżda għadu ma ġie ippreżentat lill-Assemblea Nazzjonali għall-adozzjoni.

³⁹ Din l-unità tibni fuq żewġ unitajiet li kien hemm qabel li twaqqfu fl-2013 u fl-2014 rispettivament sabiex jiġu investigati r-reati mwettqa mill-maġistrati kif ukoll il-korruzzjoni lokali.

⁴⁰ Inklużi l-każijiet li jirrigwardaw uffiċjali ta' grad ogħla bħal maġistrati u sindki.

⁴¹ Kien hemm it-tendenza, f'każijiet ta' profil għoli li jinvolvu akkużi inizjali ta' għemil ħażin serju, li sussegwentement jinqalbu jew jiddewmu fil-qorti jew jingħalqu mill-prosekuzzjoni, minħabba nuqqas ta' provi suffiċjenti jew kwistjonijiet proċedurali.

⁴² Għaddej xi xogħol sabiex jiġu identifikati soluzzjonijiet possibbli għal dawn il-problemi, li jistgħu jinvolvu emenda leġislattiva. Dan huwa indirizzat fit-taqsima 2.1 hawn fuq.

⁴³ L-omiċidji reċenti ta' negozjant wassal għal ittra miftuħa bi kliem iebes mill-Konfederazzjoni tal-Impjegaturi u tal-Industrijalisti fil-Bulgarija: <http://krib.bg/bg/news/Otvoreno-pismo-na-KRIB-do-Ministara-na-vatreshnite-raboti/>

Fl-2015 il-Bulgarija emendat il-kodiċi proċedurali tagħha sabiex tindirizza l-problemi identifikati fir-rapporti tal-MKV preċedenti rigward il-kriminali li jaħrabu mill-ġustizzja u l-Uffiċċju tal-Prosekutur speċjalizzat li huwa mgħobbi b'każijiet żgħar li mhumex marbutin mal-kriminalità organizzata. Għadu kmieni wisq sabiex jiġi vvalutat l-impatt ta' dawn l-emendi. Dwar il-kwistjoni tal-kriminali li jaħrabu mill-ġustizzja ġew identifikati problemi ġodda, din id-darba aktar ta' natura organizzattiva, u għaddejja ħidma sabiex dawn jiġu indirizzati.

Il-Bulgarija emendat ukoll liġi dwar il-konfiska tal-assi kriminali fl-2012. Peress li l-każijiet taħt is-sistema tal-liġi l-qadima qed jiġu konklużi u sostitwiti b'każijiet ġodda, l-esperjenza bil-liġi l-ġdida ppermettiet li jiġu identifikati sensiela ta' problemi, li jeħtieġu bidla leġiżlattiva. Il-kummissjoni għall-konfiska tal-assi ħejjiet proposti ddettaljati sabiex tindirizza l-problemi, li għandhom jiġu kkunsidrati mill-ewwel mill-Assemblea Nazzjonali.

Is-servizz investigattiv speċjalizzat li jitratta l-kriminalità organizzata ġie ttrasferit lura għall-Ministeru tal-Intern fil-bidu tal-2015, wara li kien mal-Aġenzija Statali tas-Sigurtà Nazzjonali (ASSN) sa mill-2013. Din id-darba t-trasferiment kien organizzat aħjar milli kien fl-2013, iżda minkejja dan xorta rriżulta ċertu ammont ta' tfixkil. Issa huwa importanti li d-direttorat għall-kriminalità organizzata jingħata l-istabbiltà u r-riżorsi meħtieġa sabiex ikun jista' jagħmel xogħlu. Għadd ta' kwistjonijiet legali ġew identifikati fil-liġi li implimentat it-trasferiment, b'mod partikolari fir-rigward tad-definizzjoni legali tal-kompetenzi tad-direttorat għall-kriminalità organizzata, li jidhru bħala restrizzjoni bla bżonn fuq l-azzjonijiet tiegħu.

3. KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

Fl-2015 il-Bulgarija ħadet xi passi importanti biex tqiegħed lura fuq l-aġenda r-riforma, wara perjodu li fih l-instabbiltà politika dehret li qed tistaġna l-progress. Iż-żewġ strateġiji dwar ir-riforma ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni jikkostitwixxu proġett ta' azzjoni ddettaljat. Iżda jidher ċar li t-tisrif ta' dawn l-istrateġiji fi progress konkret u tanġibbli se jkun l-isfida ewlenija tal-2016. Ittieħdu għadd ta' inizjattivi, u xi wħud minn dawn għamlu ftit progress konkret. F'Diċembru, il-Bulgarija emendat il-kostituzzjoni tagħha. Filwaqt li l-emendi inkludew xi bidliet sinifikanti mit-test li oriġinarjament kien propost, l-adozzjoni tagħhom xorta tirrapreżenta pass importanti għar-riforma tal-Kusill Superjuri tal-Maġistratura. Issa jeħtieġ li jkun hemm segwitu, b'tali mod li l-firxa sħiħa ta' bidliet li jinsabu fl-istrateġija għar-riforma ġudizzjarja jsiru liġi. Inizjattivi oħrajn iffaċċjaw ostakli, b'mod partikolari l-istrateġija ta' kontra l-korruzzjoni, b'abbozz ta' liġi li kien intiż sabiex titwaqqaf awtorità ġdida magħquda kontra l-korruzzjoni li ġie miċħud fl-Assemblea Nazzjonali. Il-Gvern ħabbar l-intenzjoni tiegħu li jerġa' jissottometti l-proposta f'forma emendata, iżda ċ-ċaħda enfasizzat nuqqas ta' kunsens politiku madwar il-proċess ta' riforma.

Il-progress bil-mod fil-każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli jew ta' kriminalità organizzata, u r-reazzjoni inċerta u s-segwitu għal kontroversji speċifiċi bħal dik marbuta mal-Qorti tal-Belt ta' Sofija fl-2014, kompew idgħajfu l-fiduċja pubblika fil-ħila tal-awtoritajiet Bulgari biex titwettagħ ġustizzja. Il-problema sistemika identifikata mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem rigward l-obbligu tal-Bulgarija li twettaq investigazzjoni effettiva dwar l-għemejjel ħżiena tirrifletti serje ta' rapporti tal-MKV, u r-reazzjonijiet tal-awtoritajiet Bulgari għadhom neqsin mir-rieda quddiem dawn il-lakuni. Ħafna mir-rakkomandazzjonijiet fir-rapport tal-MKV tal-2015 għadhom validi.

Fir-rigward tal-indipendenza ġudizzjarja kien inkoraġġanti li l-imħallfin Bulgari deheru jikkellmu pubblikament sabiex jappoġġaw ir-riforma fil-ġudikatura. Dan huwa sinjal b'saħħtu ta' kultura ġdida aktar kunfidenti li qed tiżviluppa fost il-maġistrati Bulgari. Kien hemm wkoll xi elementi konkreti ta' progress marbutin mal-ġestjoni tal-ġudikatura. Madankollu, f'oqsma ewlenin tal-governanza ġudizzjarja l-isforzi tal-istituzzjonijiet Bulgari xorta għad għandhom nuqqas ta' rieda.

Il-Kummissjoni tħares' il quddiem biex tkompli taħdem mill-qrib mal-Bulgarija sabiex jintlaħqu l-oġettivi tal-MKV u tistieden lill-Bulgarija biex tiegħu azzjoni fl-oqsma li ġejjin:

1. L-indipendenza, ir-responsabbiltà u l-integrità tal-ġudikatura

Il-Bulgarija fetħet it-triq għar-riforma tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura (KSM) u għat-tisħiħ tal-Ispettorat Ġudizzjarju. Issa jeħtieġ li dawn l-impenji jiġu implimentati. Importanti wkoll li jkompli jsir progress fuq il-passi meħuda sabiex titjeb il-kredibbiltà rigward l-allokazzjoni każwali tal-kawżi u l-ħatriet.

- Timplimenta r-riforma tal-KSM permezz tal-emendi meħtieġa għall-Att dwar is-Sistema Ġudizzjarja.
- Tagħti malajr lill-Ispettorat Ġudizzjarju (IKSM) l-awtorità legali u r-riżorsi materjali sabiex ikun jista' jwettaq ir-rwol il-ġdid tiegħu għas-salvagwardja tal-integrità u għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni fi ħdan is-sistema ġudizzjarja.
- Tistabbilixxi kapaċità fi ħdan il-KSM u l-IKSM li tissorvelja l-applikazzjoni u s-sigurtà tas-sistema l-ġdida għall-allokazzjoni każwali tal-kawżijiet fil-qrati. Dawn l-istituzzjonijiet iridu jkunu trasparenti dwar l-eżitu tal-ispezzjonijiet u s-segwitu għall-problemi identifikati.
- Tiżviluppa rekord tajjeb, fi ħdan il-KSM, dwar it-teħid ta' deċiżjonijiet trasparenti u konsistenti fir-rigward ta' deċiżjonijiet ta' ħatra, bl-applikazzjoni ta' standards ta' mertu u ta' integrità ċari, filwaqt li tali deċiżjonijiet isiru f'waqthom.
- Toħloq il-kundizzjonijiet għal investigazzjoni imparzjali rigward allegazzjonijiet varji ta' korruzzjoni ta' livell għoli fil-Qorti tal-Belt ta' Sofija, b'mod partikolari rigward il-possibiltà ta' implikazzjonijiet sistemiċi, inklużi prattiki komparabbli possibbli fi qrati oħrajn.

2. Riforma tas-sistema ġudizzjarja

Pakkett komprensiv ta' emendi għall-Att dwar is-Sistemi Ġudizzjarji ġie mħejji mill-Ministeru tal-Ġustizzja u ġie diskuss ħafna fil-ġudikatura matul l-2015, bil-għan li tiġi implimentata l-istrateġija tal-gvern għal riforma ġudizzjarja. Ir-rakkomandazzjoni li ilha teżisti għal modernizzazzjoni ta' kodiċi kriminali Bulgari għadha wkoll rilevanti.

- Tadotta emendi fl-Att dwar is-Sistemi Ġudizzjarji skont l-istrateġija tal-gvern għal riforma ġudizzjarja, inklużi r-riformi li jagħtu aktar setgħa lill-imħallfin u lill-prosekuturi individwali, u tiżgura l-implimentazzjoni tagħhom f'konsultazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet ġudizzjarji.

- Tħejji sett ta' emendi mmirati li jindirizzaw il-problemi ewlenin fi proċeduri kriminali, b'mod partikolari problemi li jaffettwaw każijiet kumplessi li jinvolvu korruzzjoni jew kriminalità organizzata.
- Tadotta riforma komprensiva fil-politika kriminali, f'konformità mal-ideat stabbiliti fl-istrateġija għal riforma ġudizzjarja.

3. *L-istandards fil-ġudikatura*

Il-Bulgarija għandha timxi 'l quddiem fl-2016 b'riformi fil-partijiet prinċipali tal-ġudikatura tagħha, inklużi l-bidliet xierqa fil-mappa tal-ġudikatura sabiex jitjiebu l-kwalità u l-effiċjenza globali, l-implimentazzjoni tal-ġustizzja elettronika, ta' standards ċari dwar il-proċedimenti dixxiplinarji, u ta' riforma kontinwa fl-uffiċċju tal-prosekuzzjoni.

- Tadotta riforma fil-mappa tal-ġudikatura għall-qrati reġjonali, u tippreżenta pjan direzzjonali għal razzjonalizzazzjoni aktar ġenerali tal-qrati f'kull livell, sabiex jitjiebu l-kwalità u l-effiċjenza globali, inkluża allokkazzjoni mill-ġdid tar-riżorsi fejn ikun adegwat, fid-dawl ta' analiżi ġenerali tal-ammont ta' xogħol fil-qrati.
- Tistabbilixxi skeda ta' żmien ċara għall-implimentazzjoni tal-ġustizzja elettronika u twaqqaf il-kapaċità meħtieġa li tissorvelja u tmexxi l-implimentazzjoni tagħha.
- Tiżviluppa prattika li tixpruna deċiżjonijiet dixxiplinarji f'konformità ma' standards u prinċipji ċari u oġġettivi. Twettaq valutazzjoni indipendenti ta' prattiki dixxiplinari fil-KSM ta' bħalissa sa mill-2012.
- Tniedi analiżi indipendenti tal-uffiċċju tal-Prosekutur kif stabbilit fl-istrateġija tal-gvern għal riforma ġudizzjarja, filwaqt li tiegħu inkonsiderazzjoni l-miżuri ta' riforma li diġà ġew implimentati.

4. *Il-korruzzjoni*

L-inizjattivi f'dan il-qasam għandhom jiffokaw fuq l-implimentazzjoni tal-istrateġija nazzjonali l-ġdida għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni, adottata fir-rebbiegħa tal-2015. Prijorità ewlenija għandha tkun li l-liġi l-ġdida ta' kontra l-korruzzjoni proposta mill-gvern, tiġi kkunsidrata mill-ġdid malajr mill-Assemblea Nazzjonali, filwaqt li jittieħed inkonsiderazzjoni kull tħassib speċifiku filwaqt li jiġi żgurat li l-elementi ewlenin huma konformi mal-intenzjonijiet kif stabbiliti fl-istrateġija kontra l-korruzzjoni.

- Tadotta liġi ġdida kontra l-korruzzjoni f'konformità mal-istrateġija ta' kontra l-korruzzjoni, flimkien mat-twaqqif ta' awtorità magħquda, b'mandat qawwwi indipendenti sabiex tiġġieled il-korruzzjoni f'livell għoli. Tiżgura t-twaqqif rapidu tal-istituzzjoni l-ġdida u ttiprovdiha bir-riżorsi meħtieġa.
- Tadotta emendi fil-liġi dwar l-amministrazzjoni pubblika sabiex issaħħaħ is-setgħat u l-indipendenza tal-ispettorati interni, u tistabbilixxi grupp uniformi ta' standards minimi għas-settur pubbliku fir-rigward tal-valutazzjoni tar-riskju u tal-obbligi ta' rappurtar.
- Tipprovdi lill-aġenzija tal-akkwist pubbliku bl-awtorità legali u bil-kapaċità organizzattiva sabiex twettaq kontrolli fil-fond, abbażi tar-riskju, dwar il-proċeduri tal-akkwist pubbliku.

- Tkompli bl-isforzi sabiex tindirizza l-korruzzjoni ta' livell baxx fil-Ministeru tal-Intern. Tniedi sforzi simili f'setturi oħra ta' riskju fi ħdan l-amministrazzjoni pubblika.
- Timmonitorja l-progress ta' każijiet kriminali li jinvolve allegazzjonijiet ta' korruzzjoni flivell għoli, inklużi l-fażijiet ta' qabel is-smiġ u tas-smiġ innifsu, u timplimenta miżuri sabiex jiġu indirizzati l-problemi identifikati.

5. Il-kriminalità organizzata

Il-Bulgarija għad trid tistabbilixxi rekord sod f'termini ta' kundanni finali mogħtija mill-qorti marbutin ma' każijiet serji ta' kriminalità organizzata. Importanti li jiġi żgurat li jkun hemm fis-seħħ il-kundizzjonijiet legali u istituzzjonali li jippermettu l-infurzar tal-liġi u li l-ġudikatura taħdem b'mod effettiv.

- Timmonitorja l-progress fil-każijiet kriminali li jinvolve l-kriminalità organizzata serja, inklużi l-fażijiet ta' qabel is-smiġ u tas-smiġ innifsu kif ukoll l-infurzar tas-sentenzi, u timplimenta miżuri sabiex jiġu indirizzati l-problemi identifikati.
- Tindirizza malajr il-problemi legali identifikati rigward il-kompetenza u l-funzjonament tad-direttorat għall-kriminalità organizzata fi ħdan il-Ministeru tal-Intern, u tipprovdi lid-direttorat bl-istabbiltà organizzattiva li jeħtieġ sabiex iwettaq xogħlu.
- Temenda l-liġi dwar il-konfiska tal-assi kriminali sabiex tippermetti lill-kummissjoni għall-konfiska tal-assi ħalli taħdem b'mod effettiv.